MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2011

Numru. 154/2011

**Spettur James Grech)**

**vs**

**Martin Rossi ta' 56 sena, bin Joseph u Frances nee` Pollacco, imwieled Floriana fil-25/04/1954, prezentament residenti Sptar Monte Carmeli u detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 357354M**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Martin Rossi li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli bejn l-04 ta' Dicembru 2010 u l-10 ta' Dicembru 2010, f'hinijiet differenti f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu anki jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda,

1. Nhar l-04 ta' Dicembru 2010 gewwa l-Ufficcju Elettorali, Evans Building, Valletta, halef il-falz quddiem

ufficjal li kellu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament cioe' WPC 153 Dorothea Attard u dan bi ksur ta' Artikolu 108 ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi ta falz, lil ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor inkarigat minn servizz pubbliku u cioe' WPC 153 Dorothea Attard waqt li kienet qed taghmel id-dmirijiet taghha, ismu, kunjomu, fejn joqghod u partikularitajiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(g) tal-Ligjiet ta' Malta;

3. u aktar talli bil-hsieb li jqarraq ghamel marka jew dhul fuq, jew hassar, ikkancella, bidel jew issostitwixxa xi marka jew dhul maghmul fuq karta ta' l-identita, jew xort'ohra hassar jew iddistrugga, karta ta' l-identita u kellu fil-pussess tieghu, jew ghamel xi uzu jkun li jkun minn, xi karta ta' l-identita meta huwa ma kienx id-detentur taghha, jew l-agent tad-detentur fil-qadi ta' xi htiega u dan bi ksur ta' Artikolu 11, 12(1) u 14(2)(a) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita, Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli bil-hsieb li jqarraq ghamel dikjarazzjoni falza, jew ta xi taghrif falz, jew ipproduca xi dokument falz, sabiex ikollu fil-pussess tieghu karta ta' l-identita, meta kien jaf li dan huwa falz u dan bi ksur ta' Artikolu 5(2) u 14(2)(b) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita, Kap. 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli bil-hsieb li jqarraq iffalsifika karta ta' l-identita jew xi dokument iehor ikun li jkun mehtieg minn, jew mahsub sabiex ikollu fil-pussess tieghu karta ta' l-identita u dan bi ksur ta' l-Artikolu 14(2)(c) ta' l-Att dwar il-Karta ta' l-Identita, Kap 258 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-04 ta' Dicembru 2010 f'xi hin wara nofs inhar ikkommetta serq ta' sitt cekkijiet minn 68, Waterfront Place, Flt. 41, Ix-Xatt, Sliema li meta msarrfa jew uzati, kienu jammontaw ghal aktar minn € 2329.37, liema serq huwa aggravat bil-Valur, bil-Persuna u bil-lok a detriment ta' Leo Gatt detentur ta' l-identita bin-numru 456250M u dan bi ksur ta' Art. 261(c)(d), 267 u 279(a). 268(a);

7. u aktar talli bejn l-04 ta' Dicembru 2010 u l-10 ta' Dicembru 2010 ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan bi ksur ta' Artikolu 183 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u dan bi ksur ta' Art 184 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh bi hsara ta' Leo Gatt detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 456250M u / jew persuni ohra u dan bi ksur ta' Art. 308 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

10. u aktar talli fl-istess zmien u cirkostanzi bi hsara ta' Leo Gatt detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 456250M, ghamel xi qligh iehor b'qerq u dan bi ksur ta' Art. 309 ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsdra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuzi migjuba fil-konfornt tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat izda, il-fedina penali tieghu, izda fuq kollox ix-xhieda mghotija llum mill-Psikjatra Dr. Peter Muscat minn fejn jirrizulta illi l-imputat ghalissa ha jibqa’ hekk biex jiehu l-kura gewwa l-Isptar Monte Carmeli u ser ikun taht is-sorveljanzi tal-psikjatri li qed jissorveljawh.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 338(g), 261(c)(d)(e), 269(g), 279(b), 268(b), 183, 184, 308 u 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikoli 11, 12(1). 14(2)(a). 5(2) u 14(2)(b), 14(2)(c) tal-Kapitolu 258 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-perjodu ta’ sena prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmulha u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dana l-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

Inoltre l-Qorti wara li rat l-artikolu 109 tal-Kaptiolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna l-interdizzjoni generali , kif ukoll l-interdizzjoni milli l-hati jservi ta’ xhud, hlief quddiem il-Qrati tal-Gustizzja, u bhala perit, f’kull kaz li jkun u dana ghal zmien hames (5) snin mil-lum.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tordna lill-imputat ihallas lil Leo Gatt is-somma ta’ elfejn hames mija u erba’ u sttin euro u hamsin centezmu (€2864.50) u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------